MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 55/2003

**A.F. Ellis (Home Décor) Ltd kif surrogata fid-drittijiet kreditizji tas-socjeta' A.F. Ellis (Trading) Ltd u l-istess A.F. Ellis (Trading) Ltd. ghal kwalunkwe interess li ghandha**

**vs**

**Bailiff Propeties Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Is-socjeta' attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm 3,012.29 bhala bilanc minn somma akbar ghall-bejgh u kunsinna ta' madum tac-ceramika u oggetti sanitarji, liema bilanc huwa maghmul kif ser jinghad:

1. Lm 1155.98 ghall-oggetti mibjugha u kkunsenjati fl-appartament maghruf bhala "Fl. 2, Bl. A",

“Sea Breeze”, Triq Gdida fi Triq San Blas, Nadur li gie mibjugh lil Henry Calleja;
2. Lm 1278.40 ghall-oggetti mibjugha u kkunsenjati fl-appartament maghruf bhala “Fl. 3, Bl. B”, “Sea Breeze”, Triq Gdida fi Triq San Blas, Nadur li gie mibjugh lil Mary Rose Sciortino;
3. Lm 1340.36 ghall-oggetti mibjugha u kkunsenjat fl-appartament maghruf bhala “Fl. 4, Bl. B”, “Sea Breeze”, Triq Gdia fi Triq San Blas, Nadur li gie mibjugh lil Alexander Suvorov;
4. Lm 119.53 ghall-oggetti mibjugha u kkunsenjati ghall-partijiet komuni ta’ l-imsemmija appartamenti;
5. Lm 117.92 bilanc minn somma akbar ghall-oggetti mibjugha u kkunsenjati fi propjeta’ tas-socjeta’ konvenuta fi Triq is-Srug, Xaghra.

Is-socjeta’ konvenuta hallset is-somma ta’ elf lira (Lm 1,000) f’Lulju 2002 u ghaldaqstant, il-bilanc dovut, barra l-imghaxijiet, huwa ta’ Lm 3,012.19. Is-socjetajiet attrici ghamlu bosta tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju fuq din il-pendenza minkejja illi l-oggetti kienet intalbet stima taghhom fl-1993 u gew ikkonsenjati bejn l-1996 u l-1997. Is-socjeta’ konvenuta ddikjarat li hija lesta li thallas biss is-somma ta’ Lm 1412.45 izda minkejja illi giet mitluba thallas l-imsemmi ammont m’hux ikkontestat, xorta baqghet inadempjenti u kellha ssir din il-kawza.

Bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez ta’ l-ittri interpellatorji tat-30 ta’ Marzu 2002, tat-23 ta’ Lulju 2002, tat-13 ta’ Awissu 2002 u tal-4 t’Ottubru 2002.”

Ra l-ewwel eccezzjoni tar-risposta:

“Illi in linea preliminari, dan l-Onorabbli Tribunal mhux kompetenti sabiex jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici *ratione valoris,* kif jirrizulta *ictu oculi* mit-talba tas-socjetajiet attrici infushom;

Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ esponenti ma ghandha u qatt ma

kellha ebda relazzjoni guridika ma' A.F. Ellis (Home Décor) Limited u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi ma jezistux l-elementi voluti mil-ligi sabiex A.F. Ellis (Home Décor) Limited tigi surrogata fid-drittijiet kreditizji ta' A.F. Ellis (Trading) Limited; u lanqas ma jista' jinghad illi sehhet xi cessjoni ta'dawn id-drittijiet kreditizji ghaliex qabel xejn tali cessjoni qatt ma giet notifikata lill-esponenti fit-termini tal-artikolu 1471 tal-Kodici Civili, u fit-tieni lok ghaliex tali cessjoni ma hijiex valida f'ghajnejn il-ligi;

Illi fi-meritu u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammonti mitluba mis-socjetajiet attrici mhumiex dovuti mis-socjeta' esponenti, bensi mill-persuni illi effettivament ordnaw l-oggetti konsenjati u li fl-interess taghhom saru il-konsenji rispettivi – kif sejjer jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra is-socjetajiet attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Illi skond artiklu 3(1) ta' Kap 380, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira. Imbaghad ikompli jispecifika f'artiklu 3(3)(a) li Jekk l-attur jitlob il-hlas ta' diversi somom bhala li ghandhom jinghataw lilu <u>ghall-istess raguni</u>, il-valur jigi determinat mill-ammont totali tat-talbiet filwaqt li f'artiklu 3(3)(b) jghid li jekk l-attur jitlob il-hlas ta' diversi somom bhala li ghandhom jinghataw lilu <u>ghal ragunijiet differenti</u>, il-valur jigi determinat mill-oghla somma, irrispettivament mis-somom izghar.

Artiklu 3(3)(b) huwa fis-sustanza identiku ghall-artiklu 759 ta' Kap 12 (gia Artiklu 760 fl-Edizzjoni Riveduta tal-1942 u

Artiklu 766 tal-Ordinanza tal-1855) li jghid hekk: *Jekk l-attur jitlob il-hlas ta' diversi somom bhala li ghandhom jinghataw lilu ghal ragunijiet diversi, il-valur jigi determinat mill-oghla somma, bla ma jitqiesu s-somom izghar.* Min-naha l-ohra, Kap 12 m'ghandu l-ebda disposizzjoni simili ghall-artiklu 3(3)(a) li hija korollarju *a contrariu sensu* ta' dak li jghid artiklu 3(3)(b).

Artiklu 10 tal-Codice di Procedura Civile Taljan tal-1942 jelimina d-distinzjoni bejn kumulu ta' somom dovuti ghall-istess raguni ossia ghal ragunijet differenti evidentement biex jehles mid-diffikultajiet li jidher li din id-distinzjoni tqajjem fil-prattika: *Il valore della causa, ai fini della competenza si determina dalla domanda…a tale effetto le domande proposte nello stesso processo contro la medesima persona si sommano tra loro….* Hekk ukoll kien, snin twal qabel, stabbilixxa l-legizlatur Franciz permezz ta' ligi tal-25 ta' Mejju 1838, wara hafna kontroversji fid-dottrina u l-gurisprudenza. Din is-sistema giet ukoll addottata fil-Kodici ta' Procedura ta' Napli (Art 47, Codice delle Due Sicilie); tas-Sardenja (Kodici Sardo tal-1854 – art 30) u iktar tard dak Germaniz ( art 5 kodici tal-procedura civili ghall-imperu Germaniz) u f'dak Awstrijakk ( ligi Awstrijaka tal-1 t'Awwissu 1895). Kemm Mattirolo (vol I, para 216) kif ukoll Mortara (Commentario del Codice e delle Leggi Di Procedura Civile, Vol II, pagni 78 et seq Terza Edizione Riveduta) jghidu li dawn id-disposizzjonijiet m'humiex logici. Mattirolo jikkritikahom ghax jaghtu lok ghall-attur li jipprezenta l-kawza tieghu quddiem qorti superjuri billi jghaqqadha ma' kawzi ohrajn allavolja dawn ikunu dipendenti fuq kawzi jew titli differenti ghal kollox. Mortara pero' (op cit, pagna 80) jfahharhom ghax jghid li *il metodo che al nostro legislatore dispiacque, possiede un pregio innegabile, quello di eliminare anche in questo caso ogni controversia preliminare per l'estimazione della lite. Non lieve pregio, malgrado la dottrinaria superiorita' della regola accolta nell'art 73.* Il-Kodici Taljan l-antik (artiklu 73) segwa l-kodici tas-Sardenja tal-1859 (art 33), ta' Parma (art 52) u tal-Estense (art 30) u kien sostanzjalment identiku ghal dak Malti: *quando i capi di domanda siano piu', si sommano tutti per determinare il valore della causa, se*

*dipendano dallo stesso titolo; se dipendano da titoli distinti, si ha riguardo al valore di ciascuno preso separatamente.*

**Ricci (Vol I, para 128 edizz. 1886)** hekk jispjega l-iskop tal-ligi: *La ragione del disposto della legge si e', che ove I capi di domanda siano distinti e dipendenti da titoli diversi, ciascuno di essi costituisce un giudizio a se', e richiama peculiarmente l'attenzione del giudice, di guisa che puo' ritenersi tante essere le cause, quanti i capi di domanda: ed e' logico in tale ipotesi che il valore della controversia di desuma dal capo relativo a ciascun titolo, senza riguardo agli altri capi. Al contrario, se piu' domande dipendono dallo stesso titolo, una e' la causa ed uno il giudizio; quindi la competenza va determinate dal valore complessivo delle medesime.*

Issa biex wiehed jinterpreta sewwa dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, irid qabel xejn jigi stabbilit xi jrid ifisser il-legizlatur bil-kelma raguni. Artiklu 759 qatt ma gie emendat. It-test Taljan originali tieghu kien jaqra hekk: *Se l'attore domanda il pagamento di piu' somme come dovute per cause distinte, il valore si determina dalla somma maggiore, senza riguardo alle somme minori.* It-test Ingliz kien jghid: *for different causes* li giet tradotta bhala ragunijiet fit-test Malti.

Skond in-noti tal-kors tal-ligi ghas-sena 1945-1946 ( li imbaghad gew tradotti ghall-ingliz mill-Professur Caruana Galizia fin-noti tieghu, pagna 1252) *se piu' somme sono domandate bisogna distinguere secondo siano state domandate per la stessa causa* (tradotta *same title) o per cause distinte. Nel primo caso si enumerano tutte le somme per non costringere l'attore a fare piu' cause innanzi a Corti diverse.*

L-istess noti jghidu li l-kompetenza hija radikata mill-valur; u l-valur huwa ddeterminat mid-domanda. Il-valur ghandu zewg elementi: *petitum* u *causa petendi.* Hekk jekk wiehed jitlob ir-rilaxx ta' immobbli (petitum) il-valur jiddependi minn jekk l-attur ikunx qieghed jitolbu b'titolu ta'

lokazzjoni jew b'titolu ta' proprjeta (zewg kawzi petendi differenti).

Mattirolo (Diritto Giudiziario Civile, Vol I, para 216, 217, edizz Torino 1931) jghid li ***lo stesso titolo****… si riferisce all'****identita'*** *della* ***causa dell'obbligazione,****cioe'* ***dell'atto*** *o* ***del fatto*** *da cui questa deriva; e non gia' dell'identita del documento, il quale costituisce la prova dell'obbligazione* ***medesima*** *ne' alla identita'* ***della natura*** *di piu' obbligazioni distinte. Il* ***titolo*** *invero non si deve confondere col* ***documento*** *che lo contiene: ben puo'* ***un solo documento*** *contenere* ***piu' titoli distinti –*** *accade talora che, in uno stesso atto, si cumulino piu' convenzioni, ciascuna per se' stante, ed avente* ***caratteri*** *ed* ***effetti giuridici*** *suoi propri. Ora un atto di citazione, col quale si chieda l'adempimento collettivo di tutte queste distinte convenzioni, non potra' dirsi che contenga piu' capi di domanda dipendenti da uno stesso titolo, benche', ripetiamolo, tutte le convenzioni emergono da un solo documento.*

Mortara (op cit Vol II, pagna 78) jghid li *per* ***titolo*** *s'intende* ***il vinculum iuris*** *cioe' il rapporto giuridico fondamentale che legittima e da' causa alla domanda, nelle relazioni personali fra le parti.*

Stranament, almenu hekk jirrizulta mir-ricerka li ghamel dan it-Tribunal, il-gurisprudenza Maltija hija skarsa gharrigward tal-imsemmija disposizzjonijiet. L-iktar kawza ricenti li rnexxielu jsib rigward din il-materja hija **Gerard Vassallo vs Sergeant Wilfred Atkinson M.P.S.C. (Qorti tal-Appell Superjuri Civili, - Imhallfin A Mamo president, AJ Montanaro Gauci, W Harding – 17.04.1959 – XLIII.i.218)**. F'din il-kawza, l-attur kien kera lill-konvenut furnished flat u sussegwentement harrku ghas-somma komplessiva ta' £20.7.0 kwantu ghal £4.17 prezz ta' zebgha li l-konvenut kien talbu jixtrilu biex jerga' jizbogh il-flat; £9 import ta' xahar kera; u kwantu ghal £6.10.0 ghal danni li l-inkwilin ikkaguna fl-istess post. Huwa harrku quddiem il-Prim'Awla. Dak iz-zmien il-Qorti tal-Magistrati li dak iz-zmien kellha kompetenza sa £10.

Il-Prim'Awla ddikjarat ruhha inkompetenti u l-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza. Il-Prim'Awla qalet li *Ghalhekk fil-fatt l-attur qieghed jitlob il-hlas ta' tlett somom, kull wahda minnhom, kif fuq imsemmi, ghal raguni diversa, u mhux derivanti minn* <u>*titolu*</u> *wiehed.* Il-Qorti ghalhekk immedezimat il-kelma *raguni* mal-kelma *titolu.* Il-Qorti kkwotat lill-Qorti tal-Appell **Giuseppe Mizzi vs Felice Mizzi – 11.12.1908 – Vol XX.i.169** li qalet li *trattandosi di una domanda per un ammontare eccedente la competenza della Corte Inferiore, ma per* <u>*partite e cause distinte*</u>*, di cui nessuna superi la competenza inferiore, la intiera domanda e' di competenza della Corti Inferiori*. F'din il-kawza, l-attur kien ghamel kont wiehed ghal diversi ragunijiet, li kienu bejgh ta' zewg *pietre pomici*, kreditu naxxenti minn titolu ezekuttiv, u xi xoghol li ghamel l-attur fuq inkariku tal-konvenut. Il-Qorti qalet li l-Qorti inferjuri kienet kompetenti, *atteso che dal conto prodotto a fol 4, risulta che la maggior parte delle partite ivi comprese sono reclamate per cause distinte e nessuna di quelle partite, e nessun cumolo di partite, dovute per la stessa causa ascende a Lire cinque (£5)* liema somma kienet il-massimu tal-kompetenza tal-qorti inferjuri f'dak iz-zmien.

Jista' jinghad li jkunu gejjin mill-istess kawza, fil-kaz ta' kawza ghad-danni, id-domandi ghad-**damnum emergens** u l-**lucrum cessans. Ricci (Vol I, para 128 edizz. 1886**) jghid li jekk jintalbu zewg legati miktubin fl-istess testment, id-domanda titqies li gejja mill-istess titolu (cass Roma 8 luglio 1881).

**Mattirolo (Diritto Giudiziario Civile, Vol I, para 216, 217, edizz Torino 1931** jghid li zewg mutwi, maghmulin permezz ta' atti distinti, u li jiskadu fi zminijiet differenti, jikkostitwixxi obbligazzjonijiet distinti, li ma jistghux jigu maghdudin ma' xulxin biex jigi determinat il-valur tal-kawza, ghalkemm gejjin minn titolu ta' natura identika.

Ricci (Vol I, para 128 edizz. 1886) jghid li krediti tal-istess tip (inkluz bejgh) li jsiru fi zminijiet differenti bejn l-istess partijiet – bhalma huwa l-kaz fl-istanza quddiem dan it-Tribunal – jitqiesu li gew minn titoli differenti – purke' ma

ssirx novazzjoni jew ikun hemm xi patt bejn il-partijiet li jghaqqad id-diversi titoli flimkien:

*Si e'… giudicato, che devonsi considerare crediti dipendenti dallo stesso titolo, quantunque originati in tempi distinti e per cause diverse, quelli che il debitore con una sola e complessiva obbligazione assunse di soddisfarli entro una mora unica statagli espressamente concessa (C. app. Casale, 4 maggio 1867); che al contrario non possono considerarsi come derivanti da uno stesso titolo due compre e vendite, tuttoche' avvenute tra le stesse persone e sopra oggetti di eguale natura, quando hanno avuto luogo in tempi diversi; che piu' vendite possono riguardarsi come derivanti dallo stesso titolo, allorquando il venditore avesse aperto un* ***fide*** *al compratore fino ad una data somma (c app Firenze 6 maggio 1870).*

Il-Kodici Civili jirrikonoxxi li meta jkun hemm fornituri fi zminijiet differenti jkun hemm titoli differenti, billi fl-artiklu 2151(1) jghid li *ikun hemm lok ghall-preskrizzjoni, ghad li kien hemm kontinwazzjoni ta' fornituri, kunsinni tal-kreditu, xoghlijiet, servizzi, jew qadi iehor.*

Illi ghalhekk fil-kaz prezenti, ghalkemm hemm identita tan-natura tat-transazzjonijiet (kollha huma bejgh ta' merkanzija), dawn saru fi zminijiet differenti u ghalhekk huma distinti minn xulxin. Kien ikun differenti l-kaz fl-ipotesi li sehhet it-transazzjoni li taghmel accenn ghaliha s-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara ruhu kompetenti rationae valoris li jisma' u jiddeciedi dan il-kaz u jiddifferixxi l-kawza ghas-smigh fil-mertu ghal nhar il-Gimgha, 26 ta' Settembru 2003 fil-11:00a.m.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------